

# San Girgor il-Kbir

## u l-festa ddedikata lilu f'Tas-Sliema

Hosè Borg

San Girgor l-Kbir, apparti li huwa Ko-Patrun tal-Parroċċa ta' Kerċem flimkien mal-Madonna tas-Sokkors, huwa anke patrun ta' waħda mill-parroċċi ta' Tas-Sliema li f'ġieħu ssir festa ta' kull sena nhar l-ewwel Ħadd ta' Settembru qrib d-data liturġika tat-3 ta' Settembru fid-data li San Girgor inħatar Papa.



Il-parroċċa ddedikata lilu nbniet fl-ewwel nofs tas-seklu 20 fuq stil Neo-Romanesk,stil li kien pjuttost xi ħaġa ġdida għal Malta f'dak ż-żmien li tajjeb ngħidu kien moda wkoll biex ngħidu hekk f'dak ż-żmien,billi fl-istess żmien il-parroċċa li nbniet ġdida ta' Birżebbuġa nbniet bl-istess stil bħal dik ta' Tas-Sliema.Il-Knisja fl-istil Neo-Romanesk tagħha hija mogħnija bi tribuna sabiħa tal-irħam li taħtha jiddendel salib kbir tal-injam li min-naħa juri l-Madonna tal-Grazzji u mill-oħra juri lil Ġesu' kurċifiss xogħol l-pittur Żejtuni Toussaint Busuttil.Il-knisja tħaddan ukoll żewġ artali laterali ddedikati lil Marija Omm Alla li jintuża anke bħala l-artal tas-Sagrament kif ukoll dak ta' San Ġużepp. F'dawn l-kwadri nsibu lil San Ġużepp,San Ġwann il-Battista u San Franġisk kif ukoll lil Marija Omm Alla,Sant' Anjeże u Sant' Elena. Kollha xogħol l-pittur Taljan Eleodoro Coccoli flimkien mal-kwadru titulari li huwa xogħol l-istess artist li jirrappreżenta lil San Girgor jibgħat lil Santu Wistin ta' Canterbury u lil sħabu l-patrijiet jikkonvertu lill-Ingilterra li jdur dawra sħiħa mal-kor tal-istess knisja. Nsibu anke sett vetrati "stained glass" li saru għand d-ditta Bertuzzi ta' Milan fuq disinn tal-pittur ewlieni tal-knisja Coccoli.F'dawn l-vetrati naraw lil San Pietru, San Ġwann Bosco u San Lawrenz kif ukoll l-patruni tal-gżejjer Maltin Sant' Agata, San Publiju u San Pawl xogħol mill-isbaħ kumplimentari tassew mal-ambjent arkitettoniku tal-Knisja. L-erbatax –il stazzjon tal-Via Sagra li nsibu fil-ġnub tal-kursija saru mill-istess pittur Coccoli. Fil-Knisja, apparti l-istatwa titulari ta' San Girgor nsibu sitt statwi oħra li huma l-Madonna ta' Fatima u d-Duluri li saru Bolzano mid-ditta Stuflesser fl-1949 kif ukoll dawk ta' Santa Rita, l-Qalb ta' Ġesu', il-Madonna ta' Lourdes u Sant' Antnin ta' Padova,b'dawn tal-aħħar kollha saru Bolzano ukoll mill-istess ditta Stuflesser. Id-Duluri kif ukoll ta' Fatima jinħarġu proċessjonalment,fejn ta' Fatima toħroġ fix-xahar tar-rużarju f'Ottubru qrib jew madwar waħda mill-ġranet tad-dehriet tagħha.

Id-devozzjoni kollha lejn San Girgor bdiet bix-xewqa tal-isqof Mawru Caruana li bħalu kien Benedittin u li kellu xewqa kbira li l-ewwel knisja li kien imiss tinbena tkun ddedikata lil patrun devot tal-istess isqof kif fil-fatt sar. Eventwalment, biż-żmien kompliet titkattar din





d-devozzjoni fejn fil-festa jinqraw siltiet minn kitbiet ta' San Girgor u kien anke nkiteb ktieb fuq l-ħajja tiegħu. Il-festa ta' San Girgor fil-bidu tagħha kienet ssir ġewwa u l-purċissjoni kienet ssir biss bir-relikwa sakemm fil-bidu tas-snin 50 ġiet ordnata u mħallsa statwa ġdida ta' San Girgor mill-benefattur is-sur Alfred Vella magħmula fl-injam mill-iskultur Angelo Righetti ta' Brescia l-Italja.Din l-istess statwa żżanżnet għall-festa tal-1952 u hija magħmula fuq stil monumentali ispirata mill-istatwa tal-Papa Bonifaċju VIII li kienet fil-faċċata l-antika tal-Katidral ta' Santa Maria Dei Fiori f'Firenze l-Italja u li llum tinsab fil-mużew tal-istess Katidral.Il-vara fis-salib pettorali tan-nofs tħaddan ukoll relikwa tal-qaddis u b'hekk tagħmel din l-istatwa unika għaliex hija l-unika statwa titulari b'relikwa ġo fiha.Nistgħu ngħidu li minn meta saret l-istatwa l-festa ħadet spinta fuq barra. Kien f'dan ż-żmien ukoll li l-kappillan Dun Karm Farruġia li kien li ġietu l-idea jagħmel l-purċissjoni tradizzjonali "pageant" li hija karatteristika unika ta' din l-festa. Farruġia,probabbilment ra xi ħaġa simili fl-Italja u ried jaddottaha għal din l-parroċċa sabiex jagħmel xi ħaġa differenti u li tagħti identita' fl-istess ħin. Fiha wieħed jista' jara bandalori b'kitbiet mill-Bibbja dwar konnessjonijiet ma' ħajjet Gregorju flimkien ma' statwi li jirrappreżentaw l-familjari tiegħu li tajjeb ngħidu kienu kollha qaddisin.

Fil-purċissjoni jinħarġu anke sett kwadri li juru l-qaddisin li bagħat San Girgor sabiex jikkonvertu lill-Ingilterra. Kif toħroġ l-purċissjoni jkun hemm spjegazzjoni dwar ħajjet San Girgor sabiex dak li jkun jidħol aktar fl-ispirtu tal-qdusija u l-ħajja spiritwali eżemplari li għex dan l-qaddis li kien wieħed mill-aktar papiet kruċjali fl-istorja tal-Knisja. Mod sabiħ kif aħna wkoll għandna nitgħallmu minn ħajtu u nimitaw l-virtujiet tiegħu permezz ta' Ġesu' ukoll. Karatteristika oħra ta' din l-festa hija d-daqq tal-qniepen fejn fil-festa permezz tagħhom jindaqq mużikalment l-innu ta' San Girgor miktub mill-poeta Nazzjonali Dun Karm Psaila fuq mużika tas-surmast Ġiuseppe Casapinta. Il-festa,sas-snin 60 kienet tiġi organizzata fuq skala pjuttost żgħira bi ftit nar u ftit armar bħal xi armi żgħar u bnadar u dawl fit-toroq sakemm fis-snin 70 u 80 grupp ta' dilettanti tal-festa tħajru jgħaqqdu kumitat tal-festa bil-president ikun l-kappillan u beda jsir l-armar għall-festa bħal liedna u disinji tal-karti, pavaljuni tad-drapp, fost l-oħrajn. Biż-żmien,bil-festa tkompli tikber, l-entużjażmu tad-dilettanti wassal sabiex fl-1985 isir l-ewwel marċ ta' filgħodu mill-banda Sant' Antnin ta' Birkirkara organizzat minn dan il-kumitat sakemm eventwalment nibtet xewqa li titwaqqaf banda kif fil-fatt sar u fl-1987 twaqqfet il-banda tas-Soċjeta' Mużikali San Girgor li mbagħad ħadet r-responsabbilta' esterna sħiħa tal-festa.Minn dak iż-żmien sal-lum,din s-soċjeta' qatt ma ħarset lura fejn kellha każin fi triq li ma kinitx fiċ-ċentru tal-lokal u nbiegħ sabiex nxtara post aktar ċentrali fit-triq tal-knisja u twaqqa' u reġa' nbena mill-ġdid fejn eventwalment ix-xogħol wasal fil-final fejn fi ftit tas-snin oħra jkun komplut minn kollox. Il-festa kompliet tikber fejn saru diversi pavaljuni u sett statwi għaz-zuntier tal-knisja u sorprriżi mal-marċijiet. Fejn tidħol l-banda,fl-2004 kien sar oratorju dwar ħajjet San Girgor f'għeluq l-1400 sena minn mewtu kif ukoll kienu saru kunċerti tal-Ġimgħa Mqaddsa u anke kunċerti t' avvenimenti speċjali f'għeluq l-25 u t-30 sena mit-twaqqif tal-banda.

Kif wieħed jista' jara minn dawn il-kelmtejn,il-festa u l-Banda San Girgor ma jmorrux lura wisq fiż-żmien bħala storja,pero' żgur li kull min jiġi u jattendi għal din l-festa se jara progress sabiħ li sar matul ż-żmien u jsib affarijiet li jolqtuh u jiddistingwi attrazzjonijiet li ssibhom biss fil-festa ta' San Girgor l-Kbir f'Tas-Sliema.

